MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2009

Appell Kriminali Numru. 210/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Raymond Grima**

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva permezz ta’ att ta’ citazzjoni kontra Raymond Grima, bin Emmanuel u Giovanna nee Ciantar, imwieled fit-13 ta’ Jannar 1954, detentur tal-karta ta’ l-identita` nru 157954M, talli fit-13 ta’ April 2008 ghall-habta tan-nofs siegha ta’ filghodu (00.30 a.m.) bhala l-persuna li f’isimha ghandu l-licenzja tal-hanut ta’ l-inbid, birra u xorb spirituz bl-isem ta’ “Havana”, “fil-parti maghrufa bhala Cabanas li jinsab gewwa Triq San Gorg, Paceville, San Giljan” (sottolinear ta’ din il-Qorti) ippermetta tfal taht is-sittax-il sena biex jidhlu fil-post imsemmi;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-19 ta' Gunju 2008 li permezz taghha dik il-qorti lliberat lill-imsemmi Raymond Grima; is-sentenza, fil-parti decizjonali, tghid hekk:

***"Semghet ix-xhieda prodotta;***

***"Stante li mhix pruvata peress li ma ngiebet l-ebda prova rigward il-fond bl-isem ta' "Cabanas", ma ssibux hati u tilliberah."***;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali, minnu pprezentat fit-8 ta' Lulju 2008, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza; rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

**4.** Jibda biex jigi precizat li ghall-ewwel udjenza tas-smigh ta' dana l-appell, cioe` ghall-udjenza tal-20 ta' Novembru 2008, l-appellat Raymond Grima, ghalkemm debitament notifikat (ara r-riferta datata 21 ta' Ottubru 2008 – fol. 17 *tergo*), ma deherx, pero` deher l-abbili difensur tieghu l-Avukat Dott. Joseph Giglio. F'din l-udjenza nstemghu xi xhieda u anke saru, kif ser naraw, sottomissjonijiet ta' natura legali, izda, billi kien ghad fadal xhud wiehed x'jinstema' – l-Avukat Dott. Michael Camilleri in rapprezentanza tal-*Malta Tourism Authority* – l-appell gie differit ghat-23 ta' Jannar 2009. Ghal din l-udjenza l-appellat rega' gie, *ex abundanti cautela*, notifikat mill-gdid (kif jirrizulta mir-riferta tal-marixxall datata 26 ta' Novembru 2008 – fol. 51, *tergo*). Fl-udjenza tat-23 ta' Jannar 2008 la l-appellat u lanqas id-difensur tieghu ma deheru, u l-appell thalla ghal-lum ghas-sentenza in difett ta' ostakolu. Il-Qorti regghet, *ex abundanti cautela*, ordnat li l-appellat jigi notifikat mill-gdid bid-data tad-differiment, u dan sar kif jirrizulta mir-riferta tat-2 ta' Frar 2009 (fol. 62, *tergo*).

**5.** Fl-udjenza tal-20 ta' Novembru 2008, l-abbili difensur ta' l-appellat eccepixxa l-inappellabilita` da parti ta' l-Avukat Generali tas-sentenza ta' l-ewwel qorti "peress illi jirrizulta mill-aggravju tal-Avukat Generali li dan l-appell

huwa fuq apprezzament ta' provi." Din il-Qorti, pero`, xorta wahda ordnat li jinstemghu il-provi f'dik l-udjenza biex, se mai, taghti decizjoni wahda fuq kollox – naturalment l-ewwel li trid tigi deciza hija proprju l-pregudizzjali sollevata mill-appellat. Fl-udjenza tat-23 ta' Jannar 2009, l-Avukat Dott. Jason Grima, ghall-appellant Avukat Generali, ghall-mistoqsija maghmula mill-Qorti, ikkonferma li f'dan il-kaz l-Avukat Generali m'ghandux dritt ta' appell hekk imsejjah "awtomatiku" fir-rigward tar-reat meritu ta' din il-kawza li huwa reat li jaqa' fil-kompetenza originali tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali (Artikolu 370(1), Kap. 9). Dan ifisser li, biex l-Avukat Generali jirradika d-dritt tal-appell tieghu, il-kaz irid jinkwarda f'xi wahda mill-ipotesijiet kontemplati fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 413 tal-Kodici Kriminali.

**6.** Issa, jekk wiehed jara sew ir-rikors ta' appell tal-Avukat Generali jsib li, b'mod generali u introduttiv, l-aggravju tal-appellant hu maghmul jikkonsisti filli *"…l-ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament hazin* *<u>tal-Ligi</u>* *u tal-fatti…"* – sottolinear ta' din il-Qorti – u minnufih wara l-vers citat hemm referenza ghall-*"artikoli* *<u>413(1)(b)(iv)</u>* *u 413(1)(c) tal-Kodici Kriminali"* – sottolinear ukoll ta' din il-Qorti. Huwa minnu li aktar 'l isfel fir-rikors l-appellant juza l-espressjoni *"…l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti u dokumenti pprezentati…"*, pero` fil-paragrafu ta' qabel ta' l-ahhar, u bhala parti mill-aggravju ta' l-appellant, jinghad hekk:

***"Illi l-Cabanas mhuiex fond separat imma jifforma parti integrali mil-fond Havana u ghalhekk ma kienx hemm bzonn ta' ebda prova rigward il-parti gewwa Havana maghrufa bhala Cabanas ghaliex l-unika prova li kien hemm bzonn kienet fir-rigward il-hanut Havana, liema prova ngabet."***

**7.** Quddiem l-ewwel qorti giet ezibita kopja tal-licenzja mahruga mill-Awtorita` tat-Turizmu ta' Malta li tirreferi ghall-lokal "Havana, no. 82, Triq San Gorg, St Julian's" – ara Dok. MC1 a fol. 10 tal-atti. Dan id-dokument gie kkonfermat quddiem din il-Qorti (il-Qorti tal-Appell Kriminali) mill-Avukat Dott. Michael Camilleri aktar 'l fuq

imsemmi. Ix-xhud PS 928 Ramon Mifsud xehed li fil-gurnata u fil-hin indikati fl-imputazzjoni huwa sab tfajla, li rrizulta li kellha biss hmistax-il sena, *"…gewwa Cabanas li jaghmel parti mill-Havana, il-Havana fuq u l-Cabanas isfel...in-naha ta' gewwa in-naha tad-D.J…"* Fin-nuqqas ta' xi indikazzjoni kuntrarja fis-sentenza appellata jew f'xi verbal redatt minn jew quddiem il-Qorti Inferjuri, din il-Qorti ghandha tassumi li dak li xehed l-imsemmi surgent fl-udjenza tal-20 ta' Novembru 2008 huwa l-istess haga li xehed quddiem l-ewwel qorti.

**8.** Kunsidrat dan kollu u fid-dawl ta' dak li jinghad fis-sentenza appellata (u li jinsab riprodott aktar 'il fuq fil-paragrafu **2** tas-sentenza odjerna), din il-Qorti ikollha neccessarjament tasal ghall-konkluzzjoni li f'dan il-kaz l-ewwel qorti lliberat lill-appellat, allura imputat, minhabba li ghamlet enjuncjazzjoni zbaljata tal-ipotesi tal-ligi, liema *error juris* skond gurisprudenza kostanti[1] jirradika d-dritt ta' appell ta' l-Avukat Generali taht il-partita (*i*) tas-subparagrafu (iv) tal-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 413 – Art. 413(1)(b)(iv)(*i*) – tal-Kap. 9. Fi kliem iehor dik il-qorti in effetti rriteniet li jekk fond jew stabbiliment ikollu parti minnu li jgib isem differenti minn kif hemm fuq il-licenzja, trid tingieb prova tal-licenzja li tkopri dik il-parti b'dak l-isem differenti. Il-ligi kjarament ma tirrikjedix hekk. Terga' w tghid, l-ewwel qorti dan qalitu fis-sentenza b'mod alkwantu indirett u oblikwu, u ghalhekk mhux b'dik il-kjarezza rikjesta bis-subartikolu (3) tal-imsemmi Artikolu 413. Dan is-subartikolu jipprovdi illi meta l-imputat jigi liberat ghal xi wahda mir-ragunijiet imsemmijin fil-paragrafi (b)(iv), (v) u (vi) tas-subartikolu (1) *"il-qorti fis-sentenza ghandha ssemmi bic-car din ir-raguni; fin-nuqqas ta' dan, is-sentenza tkun nulla, u din in-nullita` tkun taghti jedd ta' appell lill-Avukat Generali…"* Isegwi, ghalhekk, li f'dan il-kaz, l-Avukat Generali ghandu dritt ta' appell mis-sentenza tad-19 ta' Gunju 2008 fl-ismijiet premessi, u li din il-Qorti ghandha tipprocedi biex

[1] Ara, fost ohrajn, **Il-Pulizija v. Joseph Micallef** 16/5/1974; **Il-Pulizija v. Georgia Zammit** 20/2/1986; **Il-Pulizija v. Jean Paul Carachi u Neville Borg** 19/1/1996; **Il-Pulizija v. Spiridione Aquilina et** 12/2/1999; **Il-Pulizija v. Charlot Calleja** 12/9/2008; **Ivan Formosa v. Michael Caruana u Joe Mikallef** 30/12/2008 – kollha sentenzi ta' din il-Qorti.

tezamina l-meritu tal-appell. Ghalhekk il-pregudizzjali tal-inappellabilita` sollevata fl-udjenza tal-20 ta' Novembru 2008 qed tigi respinta.

**9.** Fil-meritu, jirrizulta mill-provi li l-post fejn instabet il-minuri Shale Fenech (li xehdet quddiem din il-Qorti fl-udjenza tal-20 ta' Novembru 2008) huwa "lokalita` ta' divertiment" fis-sens tar-regolament 2 tal-A.L. 124/1995 – Ir-Regolamenti biex Jinzamm il-Bon-ordni f'Lokalitajiet ta' Divertiment. Anqas ma hemm dubbju li l-appellat, bhala l-*licensee* tal-post in kwistjoni, kien il-"proprjetarju" fis-sens tal-imsemmi regolament. Ir-regolament 6(1) jipprovdi li *"Persuni taht l-eta` ta' sittax-il sena ma ghandhomx jidhlu gewwa lokalita` ta' divertiment…"* Il-paragrafu (5) tal-imsemmi regolament 6 jipprovdi hekk: *"Kull proprjetarju li jonqos milli jhares id-disposizzjonijiet ta' dan ir-regolament ikun hati ta' reat u jista', meta jinsab hati, jehel multa ta' mitejn u tlieta u tletin euro ghal kull persuna taht l-eta` ta' sittax-il sena misjuba fil-lokalita` ta' divertiment tieghu, b'zieda ma' kull piena ohra li huwa jista' jehel taht ir-regolament 15."* Ghall-finijiet tal-kaz *de quo*, il-parti relevanti tar-regolament 15 hija din il-parti tal-paragrafu (1) tal-imsemmi regolament: *"Fil-kaz ta' reati maghmulin minn proprjetarju…kontra dawn ir-regolamenti, il-qorti ghandha meta ssib persuna hekk hatja twahhal multa ta' mhux anqas minn erba' mija u hamsa u sittin euro u sebgha u tmenin centezmu (465.87) izda mhux izjed minn disa' mija u wiehed u tletin euro u hamsa u sebghin centezmi (931.75)…"* Fid-dawl tal-fedina penali tal-appellat, li turi ksur ripetut tal-kundizzjonijiet tal-licenzji tieghu in konnessjoni ma' stabbilimenti li huwa kien jiggestixxi, din il-Qorti hi tal-fehma li l-multa f'dan il-kaz ghandha tkun qrib il-massimu.

**10.** Ghall-motivi premessi din il-Qorti, prevja r-rigett tal-pregudizzjali sollevata mill-appellat, tilqa' l-appell interpost mill-Avukat Generali, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok issib lill-appellat Raymond Grima hati skond l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u, wara li rat ir-regolamenti 6(1)(5) u 15(1) tal-Avviz Legali 124/1995, tikkundannah multa ta' tmien mitt euro (€800) konvertibbli

f’sittin (60) gurnata prigunerija f’kaz ta’ nuqqas ta’ pagament skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------